**3 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maria mart Paolo Pace et.

*versus*

Avukat Dottor Giovanni Sammut et.

**Eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-Persuna — Kjamata in Kawża — Liberazzjoni "Ab Observantia"**

*L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tista' tingħata skond il-liġi meta l-attur jew il-konvenut hu nkapaċi biex joqgħod f'kawża nkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għaldaqshekk.*

*Meta l-Qorti ta' prim'istanza tirrikonoxxi n-neċessità tal-presenza ta' persuni oħra li ma kienux parti, hija għandha t'ordna l-kjamata in kawża ta' dawk il-persuni, u mhux tillibera "ab observantia."*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi wara li qalet illi b'żewġ kuntratti tat-22 ta' Lulju, 1956 u tat-22 ta' Ottubru, 1956, fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela, Paolo Bugeja, kwalifikat bħala benestant, bin il-mejtin Giuseppe u Rosa nee Borg, imwieled u resident r-Rabat kien silef lill-konvenut Dottor Sammut, komplessivament elf lira sterlina (£1000) bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena pagabili semestralment b'lura, u, wara li skadew iż-żewġ kuntratti, l-istess Paolo Bugeja, beda proċeduri kontra l-istess Dottor Sammut għall-pagament tas-somma dovuta, permezz ta' subasta ta' stabili appartenenti lill-istess Dottor Sammut, fl-ismijiet "Paola Bugeja vs. Avukat Dottor Giovanni Sammut" differita għall-14 ta' Diċembru, 1961, u illi fid-29 ta' Jannar, 1961, miet l-esekutant u dana, b'testment fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini fl-24 ta' Jannar, 1961, innomina lill-attriċi bħala eredi, li f'dina l-kwalità kompliet is-subasta fuq indikata, u illi, f'dan it-testment it-testatur ġie kwalifikat bħala, bir-raba' bin-il-mejtin Giuseppe u Rosa nata Tonna, b'lapsus għaliex fil-fatt it-testatur ma kienx għadu jaħdem

raba fl-epoka tat-testment, u ommu kien kunjomha ta' xbubitha Borg u mhux Tonna, u illi l-konvenut Dottor Sammut qiegħed jippretendi b'ċitazzjoni numru 806 (X) — 1961 pendenti quddiem dik il-Qorti illi l-atti magħmula minn l-instanti f'dik is-subasta huma nulli, u wara li qalet ukoll illi l-persuna li għamlet it-testment fuq indikat tal-24 ta' Jannar, 1961, kien l-istess Paolo Bugeja, benestant, bin il-mejtin Giuseppe u Rosa nee Borg, mit-twelid u kien joqgħod ir-Rabat fejn miet fid-29 ta' Jannar, 1961, li kien għamel il-mutwi fuq indikati lill-konvenut Dottor Sammut, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talbet li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jmissu — jiġi dikjarat u deċiż illi l-persuna li għamlet it-testment fuq indikat ppubblikat min-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini fl-24 ta' Jannar, 1961, hija l-istess persuna li għamlet iż-żewġ mutwi fuq indikati lill-konvenut Dottor Giovanni Sammut, jiġifieri, Paolo Bugeja, benestant, bin il-mejtin Giuseppe u Rosa nee Borg, imwieled u li kien joqgħod ir-Rabat fejn miet fid-29 ta' Jannar, 1961, nonostanti l-iżbalji ta' desinjazzjoni kontenuti fl-istess testment — billi, għall-bżonn, il-konvenut Nutar Pellegrini jiġi kkundannat jagħmel riferenza għad-deċiżżjoni ta' dika l-Qorti fil-marġini tal-istess testment u reġistru notarili relativ, u billi, talvolta, jingħataw il-provvedimenti meħtieġa biex dina d-deċiżżjoni tiġi nsiwata fir-Reġistru Pubbliku. Salva kull azzjoni oħra kompetenti lill-attriċi skond il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini, li biha huwa qal (1) li hu ndika l-professjoni u maternita tat-testatur skond l-indikazzjonijiet li tah l-istess testatur, (2) li hu m'għandu ebda raġuni li jikkontesta li t-testaur huwa l-istess persuna li silfet il-flus lill-konvenut l-ieħor, u (3) li hu m'għandux ibati l-ebda spejjeż f'dina l-kawża;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Dottor Sammut li biha qal li *meritu ta'* dina l-kawża jinteressa mhux biss lill-partijiet kontendenti imma anki lill-pubbliku in genere, u speċjalment dawk il-persuni li jistgħu jiġu preġudikati fl-interessi tagħhom bid-deċiżżjoni li *tkun mogħtija*, u għalhekk, biex dan il-ġudizzju jkun integru, għandhom ikunu parti in kawża id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kuraturi beix jirappresentaw kull min jista jkollu nteress fl-eżitu ta' dana l-ġudizzju.

Rat *is-sentenza ta'* l-ewwel Onorabbli *Qorti tat-28 ta* Jannar, 1963, li biha fis-sens tal-konsiderazzjonijiet magħmula fiha, laqgħet *l-eċċezzjoni* ta' l-illeġittimita tal-persuna opposta mill-konvenut Dottor Sammut, u billi dan jippreklu-di l-prosegwiment tal-ġudizzju anki dwar il-konvenut l-ieħor Nutar Pellegrini, illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, salvi u mpreġudikati d-drittijiet tal-kontendenti skond il-liġi. In vista taċ-ċirkostanzi u novita tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn l-attriċi u l-konvenut Dottor Sammut, l-ispejjeż tar-Reġistru kif ukoll dawk tal-konvenut Nutar Pellegrini jitħallsu mill-attriċi — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Illi *kif premess* fiċ-ċitazzjoni l-kawża preżenti saret peress *li l-konvenut Dottor* Sammut, bħala debitur *ta'* "Paolo Bugeja, benestant, bin il-mejtin Giuseppe u Rosa Borg, imwieled u joqgħod ir-*Rabat, Malta,*" *kif dan il-kreditur* jidher fl-atti ta' self li kien għamillu in atti Nutar Salvatore Abela tat-22 ta' Lulju, 1956, u 22 ta' Ottubru, 1956, mhux qiegħed jirrikonoxxi li l-attriċi hija eredi tal-imsemmi kreditur tiegħu u kwindi m'hix il-persuna li għandha nteress ġuridiku li tkompli l-atti tas-subasta li dan il-kreditur kien beda kontra tiegħu (il-konvenut), billi t-testatur li ħalla eredi tiegħu lill-attriċi in atti Nutar Vincenzo Maria Pellegrini (il-konve-

nut l-ieħor għal kull interess li għandu) li kopja tiegħu din ipprodućiet bħala prova tat-titolu tagħha fl-atti tas-subasta kien *"Paolo Bugeja, bir-raba, bin il-mejtin Giuseppe u Rosa* nata Tonna, imwieled u joqgħod ir-Rabat (Malta)"; fil-fatt il-konvenut kien għamel il-kawża l-oħra ġa msemmija kontra l-attriċi, fuq il-lista tal-lum fuq l-istess materja u ċioe n-nuqqas ta' nteress fiha li tkompli s-Subasta u l-attriċi tal-lum, f'dika l-kawża, qegħda teċċepixxi sostanzzjalment dak li qegħda titlob f'dina l-kawża u ċioe li l-persuna li għamlet il-mutwu lill-konvenut tal-lum Dottor Sammut hija l-istess persuna *li ħallietha eredi tagħha, u dana nonostante* d-differenzi li hemm dwar il-professjoni ("benestant" — "bir-raba") u l-matetrnita ("Rosa Borg" — "Rosa Tonna") additati mill-istess konvenut, liema differenzi, tkompli l-attriċi, huma dovuti għal "lapsus".

Illi b'dana l-mod jiġi li l-attriċi qegħda tipproponi in via ta' azzjoni dak li hija kienet eċċepiet in via ta' eċċezzjoni, pero jiġi rilevat li fil-kawża preżenti l-attriċi qed iżżid xi ħaġa oltre l-eċċezzjoni fil-kawża l-oħra billi qegħda titlob li, **għall-bżonn,** il-konvenut Nutar Pellegrini ikun kundannat jagħmel riferenza għad-deċiżżjoni li tingħata fil-marġini tat-testment in kwistjoni u reġistru notarili relativi, u, **tal-volta,** jingħataw il-provvedimenti meħtieġa għall-insinwazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' din l-istess deċiżżjoni;

Illi kif jidher mill-kliem sottolineat fil-paragrafu preċedenti, *il-meritu addizzjonali tal-kawża preżenti (oltre l-eċ*ċezzjoni fil-kawża l-oħra) hu definit lill-Qorti għall-każ li jkun hemm bżonn, liema bżonn għandu jiftiehem b'riferenza għad-domanda prinċipali tagħha (li tirrepeti l-eċċezzjoni fil-kawża l-oħra). Fuq dana l-meritu addizzjonali, il-konvenut Nutar Pellegrini (li mhux parti fil-kawża l-oħra) ma qal xejn, mentri li l-konvenut Dottor Sammut qal li t-talba ma

tistax tiġi milqugħa għax-il-liġi ma tippermettiex ir-riferenza mitluba fil-każ preżenti u mbagħad wara żied (għalkemm hu ma pprecisax rigward liema parti tad-domanda attriċi) li l-ġudizzju m'hux integru u semma li għandhom ikunu fil-kawża d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kuraturi biex jirrappreżentaw kull min jista' jkollu nteress fl-eżitu ta' dana l-ġudizzju, wara li qal li l-kawża tinteressa mhux biss lill-partijiet iżda lill-pubbliku in ġenerali u speċjalment dawk il-persuni li jistgħu jkunu preġudikati bl-eżitu tal-kawża.

Illi għal dak li jirrigwarda l-istat ċivili rigwardanti l-imsemmi Paola Bugeja, jiġi rilevat li dan skond l-att tat-twelid jismu "Joseph Paul, Tommaso" pero kellu jissejjaħ bl-isem ta' "Paul", dan jispjega għaliex fl-att tal-mewt (kopja fl-atti tas-Subasta) u kuntratti prodotti hu ndikat bl-isem ta' "Paul". Pero l-kwistjoni mhiex fuq dan l-isem iżda fuq il-maternita tiegħu (il-kunjom ta' ommu xebba) u fuq il-professjoni (għalkemm din għandha mportanza relativa speċjalment li meta kien imsiefer hu kellu "farm") dina l-maternita, jiġi ukoll rilevat, — li tidher fl-att tal-mewt tikkorrispondi ma dik li tidher fl-att tat-twelid tiegħu, u ċioe "Rosa nee Borg": l-istess Paola Bugeja hija bejn dawn l-atti (ta' twelid u mewt) u kif hu jidher fit-testment in atti Pellegrini preċitat. Issa din id-differenza tista' ġġib disgwid mhux fil-pubbliku in ġenerali, kif indirettament jgħid il-konvenut Dottor Sammut, billi wieħed se mai jista' jgħid li Paolo Bugeja li twieled fit-tali data u miet fit-tali data (skond ma jirriżulta mir-Reġistru Pubbliku) ma għamelx testment, għaliex dak li għamel testment hu persuna differenti għax l-omm tidher differenti ċioe "Rosa nee Tonna"; iżda ħaġa bħal din hija ndifferenti, jew kważi, għall-pubbliku ġenerali, il-kwistjoni tista' tinteressa biss lill-werrieta leġittimi ta' Paolo Bugeja billi, jekk jiġi ritenut li t-testment mhux tiegħu, jieħdu huma l-wirt tiegħu skond ir-regoli ta' suċċessjoni ntesta-

ta minflok l-attriċi. Dan juri li s-sottomissjoni tal-konvenut Dottor Sammut fis-sens tal-persuni li għandhom ikunu fil-kawża u m'humiex m'hix attendibbili, billi id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma jidħolx mentri li l-persuni oħra li jista' jkollhom interess (i.e. vokati għall-eredita ntestata) ma' jistgħux jiġu rappreżentati minn kuratur fis-sens mitlub kif lanqas ma hu l-każ ta' kuratur tal-wirt battal; infatti r-rappresentanza tal-wirt "ut sic" fil-persuna ta' kuratur hi ndikata għall-finijiet ta' domandi kontra l-istess wirt meta dan ma jkunx adit jew biex jiġu tutelati d-drittijiet tal-istess wirt li ma jkunx ġie aċċettat, iżda m'hux għall-finijiet tal-adizzjoni ta' l-istess wirt, billi f'dana l-aħħar każ huma l-persuni kjamati għall-istess li jridu jiċċaqilqu salv li jistgħu jiġu azzjonati, **pero dejjem personalment**, (u qatt fil-persuna ta' kuratur li jirrappreżenta lil **kull min għandu nteress**) biex jiddeliberaw x'sejrin jagħmlu, salvi l-konsegwenzi legali skond ma huma jkunu mxew fiż-żewġ ipotesi l-aħħar imsemmija; mill-banda l-oħra, pero, dan juri wkoll li jista' jkun hemm nies oħrajn interessati fil-wirt li m'humiex parti fil-kawża, u ċioe l-werrieta leġittimi tal-istess Paolo Bugeja kif dan jidher fir-Reġistru Pubbliku, u l-konvenut Dottor Sammut isemmi lil dawn in-nies fl-ewwel parti tan-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri u fit-tieni parti, kif imsemmi, indika rimedju li pero skond ma ntqal, ma japplikax; l-attriċi skond ma jirriżulta mll-verbal tal-14 ta' Ġunju, 1962, iddikjarat permezz tad-difensur tagħha li hija m'hiex sejra titlob is-sejħa fil-kawża ta' dawna l-istess nies.

Illi mill-provi akkwiżiti ma jidherx li jista' jkun hemm dubbju wisq fuq l-identita tal-persuna tat-testatur (awtur ta' l-attriċi) u l-kreditur tad-debitur Dottor Sammut; u jista' wkoll jingħad li dan il-konvenut ma tantx għandu jew, forsi aħjar, kellu dubbji fir-rigward billi mill-ittri tiegħu stess li kiteb lir-raġel ta' l-attriċi jidher li hu kien ikun dispost jit-

tratta magħhom, bħala sub-entrati għall-kreditu tiegħu, b'kondizzjonijiet aċċetti għalih stess, u qajjem diffikoltajiet meta deħrilhom *li ma setgħux* jagħmlu kif ried hu, għal-kemm wieħed għandu jżied ukoll li l-konvenut allura sata' kien għadu ma ndunax bid-differenzi li issa rrileva. Nonostanti dak li ntqal u dan l-atteġġjament anterjuri tal-konvenut, pero, u bħala prinċipju, ma *jistax jiġi eskluż, in linja ta'* massima, li l-interessati l-oħra, li għalihom dak li jsir f'din l-kawża huwa "res inter alios acta", jġiebu provi li b'xi mod jiskoti l-provi li saru, mentri li hu ndubitat li l-konvenut Dottor Sammut, bħala debitur għandu nteress li l-ħlas isir lil, u kwindi dan jiġi mitlub minn, min daħal flok il-kreditur tiegħu oriġinali u *li* dan *jirriżulta tali* fil-konfront tal-interessati kollha, li dana għandu jkun hekk jidher li tirrikonoxxieh l-istess attriċi, tant li dina trid (hija ssemmi li għall-bżonn, pero l-konsegwenzi ta' deċiżżjoni u ordini simili li huma *ovvji fl-applikazzjoni ġenerali tagħhom) li ssir* riferenza marġinali fit-testment u reġistru notarili relattiv u semmi wkoll insinwazzjoni fir-Reġistru Pubbliku; u hekk apparti l-kwistjoni jekk dan jistax isir skond il-liġi dawna d-domandi jispjegaw il-vera portata ta' l-ewwel domanda; l-attriċi għalhekk ma tistax tilmenta jekk l-istess konvenut Smmut qed *illum jinsisti li domanda simili* ssir fil-kontraddittorju debitu opportun skond ma tirrikjedi dina l-portata tagħha, ammenokke hija ma tipproduċiex xi dikjarazzjoni mingħand in-nies li jistgħu jkollhom interess jew ma tagħmelx *xi* proċedura *li tiddikjara li l-wirt* tal-kreditur tal-istess Dottor Sammut għadda favur tagħha nonostanti d-differenzi li hemm fil-partikolaritajiet tiegħu risaputi, u din tkun timplika esklużżjoni ta' kull persuna oħra *li* tista' tkun, jew tqies ruħha, imsejjħa għall-wirt ta' l-istess kreditur jew tipprovoka ġudizzju definittiv dwar id-devoluzzjoni tal-istess wirt u hekk *tissodisfa u tovvja* għad-dubbju li donnu issa għandu l-konvenut Dottor Sammut.

Ikkunsidrat:—

Illi l-konvenut Dottor Sammut ma' talabx il-kjamata 'n kawża ta' xi persuna biex il-ġudizzju jkun integru iżda semma biss, bħala eċċezzjoni, li dan mhux integru u hekk din l-eċċezzjoni hija ekwiparabbli għall-illeġittimita tal-persuna tiegħu stess u waħdu, oltre l-konvenut Nutar Pellegrini, għall-finijiet tal-kawża preżenti. Mhux il-każ għalhekk li dina ssejħa ssir b'ordni tal-Qorti, jekk din strettament setgħet tiġi akkolta anke kieku mitluba speċjalment li l-attriċi setgħet taħseb li taġixxi differentement u tasal fl-iskop tagħha l-istess; hemm lok biss għall-akkoljiment ta' l-istess eċċezzjoni ntiża fis-sens premess. Dan hu difett proċedurali li ma jistax jiġi sanat bl-imposizzjoni ta' garanzija favur il-konvenut Dottor Sammut, kif sottomess fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-attriċi; misura simili tirrigwarda direttament il-meritu tal-ħlas tal-flus jew aħjar il-konsegwenzi riżultanti minn ħlas ħażin, u forsi kienet tkun adottabbli f'każ li l-flus ġa jeżistu u si trattava biss ta' żbank; fl-ipotesi remota li l-attriċi mhiex il-kreditriċi tal-konvenut Dr. Sammut, dan jista' forsi jasal f'xi ftehim ieħor dwar il-ħlas li jovvja għal proċedura tas-subasta jew almenu għall-prossegwiment immedjat tagħha kif trid li jsir l-attriċi, apparti minn possibili żviluppi oħrajn kif jiġu f'każ ta' ċessjoni ut sic u ma jeħux parti fiha u l-partijiet kontraenti biss (ċessjonarju u ċedent) jirregolaw it-trasferiment tal-kreditur, salv lid-debitur l-obbligu tiegħu, hekk ukoll, fil-każ preżenti, id-debitur ma jistax ikun il-parti prinċipali fil-ġudizzju li għandu bħala meritu tiegħu t-trasferiment tal-kreditu stess, salv l-interess tiegħu bħala debitur fis-sens premess; issa, kif intqal, dan hu l-veru meritu u l-vera portata tad-domanda attriċi;

Rat in-nota li biha l-attriċi appellat minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi riformata fis-sens illi

fil-meritu tiġi revokata 'in toto' in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni hekk imsejjħa ta' illeġittimita tal-persuna u lliberat lill-konvenut 'ab observantia' billi minflok jiġu akkolti d-domanda tagħha fl-interezza tagħhom u fis-sens illi kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż tiġi riformata billi fir-relazzjonijiet bejn l-attriċi u Dr. Sammut dan ibati mhux biss l-ispejjeż tiegħu imma anki dawk ta' l-attriċi u kwantu għall-konvenut Nutar Dr. Pellegrini l-ispejjeż tiegħu jitħallsu mhux mill-attriċi imma interament mill-konvenut Dr. Sammut.

Rat ir-risposta tal-konvenut Nutar Dr. Pellegrini li qal illi jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti: pero hu m'għandu jbati ebda parti mill-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-konvenut Dr. Sammut li biha qal illi s-sentenza appellata in kwantu lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u waħħlet lill-attriċi l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż tad-dritt tar-Reġistru u dawk tal-konvenut Nutar Dr. Pellegrini hi ġusta u timmerita konferma: għalhekk l-appell tagħha għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Fl-istess ħin hu appella nċidentalment minn dik is-sentenza u talab li tiġi riformata fis-sens li l-ispejjeż inkorsi minnu jiġu mwaħħla kollha lill-istess attriċi.

Rat ir-replika ta' l-attriċi li biha qalet illi l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fuq l-appell prinċipali ta' l-attriċi...... ...... ...... ......

Fid-dispożittiv tas-sentenza appellata jingħad illi l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita tal-

persuna opposta mill-konvenut Dr. Sammut.

Kif spjegat fil-konsiderandi ta' l-istess sentenza, l-eċċezzjoni sollevata minn dak il-konvenut fin-nota ulterjuri tiegħu kienet konċepita b'dan il-kliem:—

> "Illi l-meritu ta' din il-kawża jinteressa mhux biss lill-partijiet kontendenti, imma anki lill-pubbliku in genere u speċjalment dawk il-persuni li jistgħu jiġu preġudikati fl-interessi tagħhom bid-deċiżżjoni li tkun mogħtija:
>
> Għalhekk, biex il-ġudizzju jkun integru, għandhom ikunu parti in kawża d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kuraturi biex jirrappreżentaw kull min jista' jkollu nteress fl-eżitu ta' dan il-ġudizzju."

Fil-fehma ta' l-Qorti, eċċezzjoni hekk konċepita ma hiex, kif ikkwalifikatha l-ewwel Onorabbli Qorti, eċċezzjoni ta' "illeġittimita tal-persuna." Din l-eċċezzjoni tista' tingħata skond il-liġi meta l-attur jew il-konvenut hu nkapaċi biex joqgħod f'kawża nkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għaldaqshekk. Fil-każ presenti hu evidenti illi m'hemm ebda kwistjoni dwar il-kapaċita ġudizzjarja ta' l-attriċi jew tal-konvenuti. Hu ugwalment evidenti illi la l-waħda u lanqas l-oħra m'huma qed jidhru fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor. L-attriċi qegħda taġixxi f'isimha u fl-interess tagħha infisha anki jekk, għal bżonn, ikkwalifikat ruħha ukoll bħala eredi ta' Paolo Bugeja. Kull wieħed mill-konvenuti hu mħarrek għall-interess tiegħu u fl-ebda kapaċita rappreżentattiva.

Anqas l-istess konvenut Dr. Sammut ma kkwalifika l-

eċċezzjoni tiegħu bħala waħda ta' illeġittimita tal-persuna *rigward tiegħu nnifsu* jew ta' l-attriċi. Infatti dak li ppretenda permezz ta' l-eċċezzjoni sollevata minnu hi illi l-ġudizzju ma hux integru mingħajr il-presenza tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kuratur biex jirrappreżenta lil kull minn jista' jkollu nteress fl-eżitu tal-kawża.

Issa l-ewwel Onorabbli Qorti eskludiet in-neċessita tal-presenza fil-kawża tal-persuni hekk indikati mill-konvenut Dr. Sammut: dik tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għaliex ċan ma jidħolx stante li l-interess pubbliku mhux involut u ċik ta' kuratur għaliex il-persuni l-oħra li jista' jkollhom interess huma l-vokati għall-eredita ntestata u ċawn ma jistgħux jiġu rappreżentati min kuratur, u lanqas hu l-każ ta' kuratur tal-wirt battal. B'dana kollu pero l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi in linea ta' massima ma jistax jiġi eskluż illi dawk il-vokati għall-eredita ta' Paolo Bugeja jista' jkollhom interess fl-eżitu tal-kawża: għad illi għalihom il-kawża *tista' tkun "res inter alios acta", pero huma jistgħu jġibu* provi li b'xi mod jiskwotu l-provi li s'issa saru dwar l-identita ta' Paolo Bugeja li għamel it-testment invokat mill-attriċi ma' Paolo Bugeja kreditur ta' l-konvenut Dr. Sammut, mentri li hu ndubitat li dan Dr. Sammut bħala debitur għandu nteress li l-ħlas isir lil min legalment daħal flok il-kreditur oriġinali u li dan jirriżulta fil-konfront ta' l-interessati kollha. Bil-fatt stess illi l-attriċi talbet, għall-bżonn li ssir riferenza marġinali fit-testment u fir-reġistru notarili u semmiet ukoll insinwazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku, li rrikonoxxiet illi l-eżitu tad-domanda tagħha jmur oltre is-sempliċi relazzjoni bejnha u l-konvenut Dr. Sammut.

Din il-Qorti taqbel illi id-domandi ta' l-attriċi kif magħmula fiċ-ċitazzjoni, il-persuni li jkunu msejħa għall-eredita ta' Paolo Bugeja, kreditur ta' Dr. Sammut jekk dawk id-do-

mandi ma jirnexxux għandhom interess manifest fil-kawża u messhom ikunu fost il-kuntradditturi. Jekk jiġi dikjarat "ex hypothesi" kontra dak li qed titlob l-attriċi, illi Paolo Bugeja li silef il-flus lil Dr. Sammut mhux l-istess persuna li għamlet it-testment li fuqu hi tibbaża d-domandi tagħha, huwa ċar illi jista jkun hemm lok għad-devoluzzjoni ta' l-eredita intestata ta' dak Paolo Bugeja kreditur ta' Dr. Sammut. Anki jekk il-provi miġbura s'issa juru illi ma tantx hemm dubbju dwar dik l-identita, din hi aktarx petizzjoni ta' prinċipju, in kwantu li biex jista legalment jiġi affermat dak il-fatt jinħtieġ illi l-provi jkunu nġabru fil-kontestazzjoni ta' dawk kollha li għandhom interess u dritt li jiġu mismugħa. In oltre, kif qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, Dr. Sammut għandu dritt li jinsisti illi r-riċerka ta' l-identita tat-testatur domandata mill-attriċi, tirrimovi kwanlunkwe dubbju li jista jkun hemm dwar min hu legalment issa l-kreditur tiegħu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti d-difett ta' nuqqas ta' presenza fil-kawża ta' dawk il-persuni sata', fil-każ preżenti, u messu jiġi rimedjat bil-kjamata fil-kawża tagħhom. L-attriċi dan ma talbitux u anqas talbu l-konvenut, iżda, fuq il-prinċipju reċentement affermat minn din il-Qorti fl-appell Ċivili "Avukat Dr. A. Caruana vs. Dr. Edgar Buhagiar noe et" 4/3/63, ġa la darba l-ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet in-neċessita ta' dik il-preżenza id-diskrezzjoni tagħha stess li tordna l-kjamata in kawża saret dover. Ma kienx hemm lok għalhekk għall-liberazzjoni tal-konvenut 'ab observantia' iżda biss għall-kjamata fil-kawża mill-Qorti "ex officio".

**Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' Dr. Sammut:**

L-ewwel Onorabbli Qorti ordnat li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn l-attriċi u l-konvenut Dr. Sammut u li dawk tar-Reġistru u tan-Nutar Dr. Pellegrini tħallashom l-

attriċi. Bl-appell inċidentali Dr. Sammut qed jitlob illi anki l-ispejjeż tiegħu jiġu mwaħħlin lill-attriċi.

Fuq l-ispejjeż din il-Qorti ser tipprovdi 'uti infra'.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi kif ser jingħad:

Tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara illi messha ġiet ordnata l-kjamata fil-kawża tal-persuni li kienu ikunu l-eredi leġittimi ta' Paolo Bugeja kreditur oriġinali talkonvenut Dr. Sammut fil-każ illi jiġi ritenut illi hu mhux il-persuna li għamlet it-testment imsemmi mill-attriċi u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti bid-direttiva li hi tordna dik il-kjamata fil-kawża — u f'dan is-sens biss tilqa' l-appell prinċipali ta' l-attriċi.

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu riżervati għaddeċiżżjoni fil-meritu li tingħata mill-ewwel Onorabbli Qorti. Dawk tal-appell tant prinċipali kemm inċidentali kif ukoll il-meritu ta' l-appell inċidentali jibqgħu riżervati biex jiġu deċiżi minn din il-Qorti fuq rikors wara li jiġi deċiż il-meritu mill-ewwel Onorabbli Qorti, jekk ma jiġiex appellat — jew, jekk jiġi appellat, flimkien mal-meritu.